PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2011/0167(NLE)

21.5.2012

EMENDI
1 - 50

Abbozz ta' opinjoni
Dimitrios Droutsas
(PE480.574v01-00)

dwar il-kompatibbiltà tal-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, l-Awstralja, il-Kanada, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, l-Istati Uniti tal-Messiku, ir-Renju tal-Marokk, New Zealand, ir-Repubblika ta' Singapor, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Istati Uniti tal-Amerika mad-drittijiet imħaddna fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea
(12195/2011 – C7-0027/2012 – 2011/0167(NLE))

AM_Com_NonLegOpinion

Emenda 1
Cornelia Ernst

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
1. Jirrikonoxxi li d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali huma strumenti importanti għall-Unjoni fl-'ekonomija tal-għarfien' u li l-infurzar adegwat tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali huwa fundamentali. ifakkar li l-ksur tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali jippreġudika t-tkabbir, il-kompetittività u l-innovazzjoni; jirrimarka li l-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni ma joħloqx drittijiet ta' proprjetà intellettwali ġodda, iżda huwa trattat ta' infurzar intiż sabiex jiġi indirizzat b'mod effettiv il-ksur tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 2
Simon Busuttil, Anna Maria Corazza Bildt, Frank Engel, Zuzana Roithová, Salvador Sedó i Alabart, Csaba Sógor, Axel Voss, Manfred Weber

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	1a. Itenni li l-Ewropa teħtieġ ftehim internazzjonali biex tintensifika l-ġlieda kontra l-prodotti ffalsifikati peress li dawn il-prodotti qed jikkawżaw biljuni ta' Euro f'danni kull sena lill-kumpaniji Ewropej, biex b'hekk qed jipperikolaw ukoll l-impjiegi fl-Ewropa; jinnota li barra minn hekk, il-prodotti ffalsifikati ta' spiss ma jissodisfawx ir-rekwiżiti Ewropej fil-qasam tas-sikurezza, biex b'hekk qed ikunu ta' periklu sinifikanti għas-saħħa

tal-konsumaturi;

Or. en

Emenda 3
Simon Busuttil, Frank Engel, Anna Maria Corazza Bildt, Zuzana Roithová, Salvador Sedó i Alabart, Csaba Sógor, Axel Voss, Georgios Papanikolaou, Manfred Weber

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1b (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	1b. Jinnota li l-ACTA għandu jirrispetta b'mod sħiħ id-dritt tal-Unjoni, speċjalment il-Karta u l-acquis dwar il-protezzjoni tad-data; itenni li huwa importanti li l-ACTA ma jkun miftuħ għal ebda interpretazzjoni li tista' twassal lill-Istati Membri jiksru l-Karta meta jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tal-ACTA, u għalhekk jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw iċ-ċarezza legali fid-dispożizzjonijiet tal-ACTA;

Or. en

Emenda 4
Zuzana Roithová

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
2. Ifakkar li ***kemm il-kontenut*** tal-verżjonijiet preċedenti tal-ftehim ***kif ukoll it-test kurrenti*** flimkien mal-livell ta' trasparenza konness man-negozjati tal-ftehim *kemm il-darba* tqiegħdu inkwistjoni mill-Parlament;	2. Ifakkar li ***l-kontenut*** tal-verżjonijiet preċedenti tal-ftehim flimkien mal-livell ta' trasparenza konness man-negozjati tal-ftehim *kemm-il darba* tqiegħdu inkwistjoni mill-Parlament[1];

[1] Ara pereżempju r-Riżoluzzjoni tal-PE tal-10 Marzu 2010 dwar it-trasparenza u s-sitwazzjoni attwali tan-

[1] Ara pereżempju r-Riżoluzzjoni tal-PE tal-10 Marzu 2010 dwar it-trasparenza u s-sitwazzjoni attwali tan-

negozjati tal-ACTA, P7_TA(2010)0058.

negozjati tal-ACTA, P7_TA(2010)0058. ***In-nuqqas ta' proċess trasparenti għall-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Frodi (ACTA), id-dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2010 dwar in-nuqqas ta' proċess trasparenti għall-Ftehim Kummerċjali Kontra l-Falsifikazzjoni (ACTA) u kontenut potenzjalment oġġezzjonabbli, P7_TA(2010)0317.***

Or. cs

Emenda 5
Dimitrios Droutsas

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
2. Ifakkar li kemm il-kontenut tal-verżjonijiet preċedenti tal-ftehim kif ukoll it-test kurrenti flimkien mal-livell ta' trasparenza konness man-negozjati tal-ftehim *kemm il-darba* tqiegħdu inkwistjoni mill-Parlament;	2. Ifakkar li kemm il-kontenut tal-verżjonijiet preċedenti tal-ftehim kif ukoll it-test kurrenti flimkien mal-livell ta' trasparenza konness man-negozjati tal-ftehim *kemm-il darba* tqiegħdu inkwistjoni mill-Parlament; ***jenfasizza li bi qbil mal-Artikolu 218(10) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Parlament għandu jiġi infurmat immedjatament u b'mod sħiħ fl-istadji kollha tal-proċedura; huwa tal-fehma li ma ntlaħaqx livell adegwat ta' trasparenza tul il-proċess kollu tan-negozjati dwar l-ACTA; jirrikonoxxi li saru sforzi mill-Kummissjoni biex jiġi infurmat il-Parlament[1], iżda jiddispjaċih li r-rekwiżit tat-trasparenza ġie interpretat b'mod ristrett wisq u biss konsegwenza tal-pressjoni li għamlu l-Parlament u s-soċjetà ċivili;* [1] ***http://ec.europa.eu/trade/tackling-unfair-trade/acta/transparency/***

Or. en

Emenda 6
Sonia Alfano, Stanimir Ilchev, Sophia in 't Veld, Sarah Ludford, Gianni Vattimo, Renate Weber, Alexander Alvaro

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
3. Jenfasizza, fl-istess ħin, li huwa kruċjali li jintlaħaq il-bilanċ xieraq bejn l-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u d-drittijiet fundamentali bħal-libertà ta' espressjoni, id-dritt għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali, id-dritt għal proċess ġust u jfakkar fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Il-Qorti tal-Ġustizzja) għal dak li jikkonċerna dan il-bilanċ ekwu;	3. Jenfasizza, fl-istess ħin, li huwa kruċjali li jintlaħaq il-bilanċ xieraq bejn l-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u d-drittijiet fundamentali bħal-libertà ta' espressjoni, id-dritt għall-privatezza, u l-protezzjoni tad-data personali ***u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet***, id-dritt għal proċess ġust ***- b'mod partikolari l-preżunzjoni tal-innoċenza u l-protezzjoni ġudizzjarja effettiva***[1] **-** u jfakkar fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Il-Qorti tal-Ġustizzja) għal dak li jikkonċerna dan il-bilanċ ekwu;

[1] ***Ara wkoll f'dan is-sens l-Opinjoni tal-KEPD tal-24 April 2012 <http://www.edps.europa.eu/EDPSWEB/webdav/site/mySite/shared/Documents/Consultation/Opinions/2012/12-04-24_ACTA_EN.pdf.***

Or. en

Emenda 7
Zuzana Roithová

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
3. Jenfasizza, fl-istess ħin, li huwa kruċjali li jintlaħaq il-bilanċ xieraq bejn l-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u d-drittijiet fundamentali bħal-libertà ta' espressjoni, id-dritt għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali, id-dritt għal proċess ġust u jfakkar fil-ġurisprudenza tal-	3. Jenfasizza, fl-istess ħin, li huwa kruċjali li jintlaħaq il-bilanċ xieraq bejn l-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u d-drittijiet fundamentali bħal-libertà ta' espressjoni, id-dritt għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali, id-dritt għal proċess ġust u jfakkar ***fit-trattati***

Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Il-Qorti tal-Ġustizzja) għal dak li jikkonċerna dan il-bilanċ ekwu;

internazzjonali[1], fid-dritt Ewropew[2] u fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Il-Qorti tal-Ġustizzja) għal dak li jikkonċerna dan il-bilanċ ekwu;

---

[1] F'dan ir-rigward, ara l-Artikolu 7(1) tal-Ftehim TRIPS u l-preamboli tad-WCT u d-WPPT.

[2] Ara l-premessi 3, 9 u 31 tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni. F'dan ir-rigward, ara l-punt (d) tal-Opinjoni tal-Akkademiċi Ewropej dwar il-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni. http://www.iri.uni-hannover.de/tl_files/pdf/ACTA_opinion_200111_2.pdf (bl-Ingliż); Ara C-275/06 Promusicae, 200, Ġabra I-271 (punti 62 -68), kawża C-70/10 Scarlet Extended SA vs Société belge des auteurs, compositeurs et éditeurs SCRL (SABAM) (punt 44), kawża C-360/10, Belgische Vereniging van Auteurs, Componisten en Uitgevers CVBA (SABAM) vs Netlog NV (punti 42-44), u kawża C-461/10 Bonnier Audio AB, Earbooks AB, Norstedts Förlagsgrupp AB, Piratförlaget AB, Storyside AB vs Perfect Communication Sweden AB vs Perfect Communication Sweden AB.

F'dan ir-rigward, ara l-punt (d) tal-Opinjoni tal-Akkademiċi Ewropej dwar il-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni. http://www.iri.uni-hannover.de/tl_files/pdf/ACTA_opinion_200111_2.pdf (bl-Ingliż); Ara C-275/06 Promusicae, 200, Ġabra I-271 (punti 62 -68), kawża C-70/10 Scarlet Extended SA vs Société belge des auteurs, compositeurs et éditeurs SCRL (SABAM) (punt 44), kawża C-360/10, Belgische Vereniging van Auteurs, Componisten en Uitgevers CVBA (SABAM) vs Netlog NV (punti 42-44), u kawża C-461/10 Bonnier Audio AB, Earbooks AB, Norstedts Förlagsgrupp AB, Piratförlaget AB, Storyside AB vs Perfect Communication Sweden AB vs Perfect Communication Sweden AB.

Or. cs

Emenda 8
Zuzana Roithová

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	3a. F'dan ir-rigward jenfasizza li d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali huma fihom infushom fost id-drittijiet fundamentali mħarsa skont l-Artikolu

17(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u skont ftehimiet internazzjonali[1];

Ara, pereżempju, l-Artikolu 27 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Artikolu 15 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali.

Or. cs

Emenda 9
Alexander Alvaro, Sarah Ludford

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	3a. Jinnota s-salvagwardji li jinsabu fl-ACTA rigward il-privatezza, il-proċess ġust u l-proporzjonalità u l-fatt li l-implimentazzjoni tal-ACTA fl-Unjoni għandha tkun suġġetta għar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali rigward il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, kif ukoll li tkun limitata minnhom;

Or. en

Emenda 10
Zuzana Roithová

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3b (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	3b. Ifakkar li numru ta' limiti interni u esterni fuq id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, bħall-prevenzjoni tal-abbuż unilaterali[1], jikkontribwixxu biex jiġi stabbilit bilanċ xieraq bejn l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u d-

drittijiet fundamentali u l-interessi tal-pubbliku;

---

[1] ***Ara l-Artikolu 8(2) tal-Ftehim TRIPS.***

Or. cs

Emenda 11
Zuzana Roithová

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3c (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	3c. Jirrimarka li d-drittijiet fundamentali huma, min-natura tagħhom, ibbażati fuq numru ta' suppożizzjonijiet[1]: huma universali, ibbażati fuq drittijiet relatati mal-personalità u fuq interessi mhux materjali; mhumiex trasferibbli u ma jintemmux; jitnisslu mill-persuna, huma inerenti u huma rregolati mid-dritt pubbliku; f'dan ir-rigward, numru ta' oġġetti protetti mid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali juru biss uħud minn dawn il-karatteristiċi, u għalhekk jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn l-użu ta' għodda effikaċi biex jiġu protetti dawn id-drittijiet, pereżempju fil-każ ta' mediċini li jsalvaw il-ħajja minn naħa u l-privattivi industrijali biex jiġu protetti d-disinni min-naħa l-oħra, u interessi oħrajn li joħorġu minn drittijiet fundamentali oħrajn bħal pereżempju l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem;

---

[1] ***GROSHEIDE, W. Intellectual Property and Human Rights: A Paradox. 1st edition, Cheltenham: Edward Elgar Publishing, 2010. p328. ISBN 978-1848444478. p21.***

Or. cs

Emenda 12
Zuzana Roithová

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3d (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	3d. Ifakkar li l-ACTA, jekk jiġi adottat, ikun ekwivalenti għal ftehim internazzjonali iffirmat mill-UE, ikun jorbot lill-istituzzjonjiet Ewropej u lill-Istati Membri u jkun parti integrali mill-ordinament ġuridiku tal-UE li jkollha effett dirett[1];

[1] Ara l-kawża C-135/10 SCF v. Del Corso, punti 37 - 39 tas-sentenza.

Or. cs

Emenda 13
Zuzana Roithová

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3e (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	3e. Jirrimarka li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, l-individwi jistgħu jinvokaw direttament biss id-dispożizzjonijiet ta' ftehimiet internazzjonali ffirmati mill-UE meta dawk id-dispożizzjonijiet ikunu, f'termini tal-kontenut tagħhom, neqsin minn kundizzjonijiet u preċiżi biżżejjed (jiġifieri jkunu ġew stipulati obbligi ċari u preċiżi li ma jkunux suġġetti, fl-implimentazzjoni jew fl-effetti tagħhom, għall-adozzjoni ta' miżuri sussegwenti); barra minn hekk, in-natura u l-loġika ġenerali tad-dispożizzjonijiet m'għandhomx jipprekludu li jiġu invokati b'dan il-mod; minkejja dan jirrimarka wkoll li, meta d-dritt Ewropew ikun fih kunċetti identiċi għal dawk li jkunu jinsabu fil-ftehimiet

internazzjonali rilevanti, id-dispożizzjonijiet Ewropej għandhom jiġu interpretati, kemm jista' jkun, fid-dawl tad-dritt internazzjonali, jiġifieri filwaqt li jitqies il-kuntest li dawk il-kunċetti jkunu jinsabu fih u l-iskop tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehimiet internazzjonali[2];

---

[1] Ara l-kawża C-135/10 SCF v. Del Corso, punti 43 - 44 tas-sentenza.

[1] Ara l-kawża C-135/10 SCF v. Del Corso, punti 51 - 55 tas-sentenza.

Or. cs

Emenda 14
Zuzana Roithová

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3f (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	3f. Iqis li t-Taqsima 5 "Infurzar tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali fl-Ambjent Diġitali" għandha bżonn partikolari ta' aktar ċarezza u koerenza, peress li l-inkoerenzi u n-nuqqas ta' kompletezza jistgħu jwasslu għal regoli nazzjonali diverġenti, u sistema frammentata bħal din tkun ta' ostakolu għas-suq intern li, fil-każ tal-ambjent tal-internet, jipprekludi l-użu transkonfinali aktar ġenerali tal-oġġett protett mid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;

Or. cs

Emenda 15
Zuzana Roithová

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3g (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	3g. Iqis li l-ACTA ma fihx garanziji ċari rigward il-protezzjoni ta' informazzjoni personali sensittiva, id-dritt ta' difiża (b'mod partikolari d-dritt għal smigħ) jew il-preżunzjoni tal-innoċenza;

Or. cs

Emenda 16
Zuzana Roithová

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3h (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	3h. Ifakkar li skont l-Artikolu 49 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE: "L-ebda persuna m'għandha tiġi kkundannata għal xi att jew ommissjoni li, fiż-żmien meta sar jew saret, ma kienx jew ma kenitx reat skond il-liġi nazzjonali jew il-liġi internazzjonali"; jirrimarka f'dan ir-rigward li l-kamp ta' applikazzjoni ta' bosta dispożizzjonijiet li jinsabu fit-Taqsima 4: Infurzar Kriminali mhuwiex definit sew;

Or. cs

Emenda 17
Zuzana Roithová

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3i (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	3i. Iqis li l-ACTA ma jipprovdix garanziji rigward iż-żamma tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u għall-

komunikazzjonijiet li joħroġ mill-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE;

Or. cs

Emenda 18
Zuzana Roithová

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3j (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	3j. Jistaqsi jekk il-kunċetti stabbiliti fl-ACTA, bħall-prinċipji bażiċi jew il-kunċett ta' "proċess ġust" humiex kompatibbli mal-kunċetti stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, bħad-drittijiet fundamentali jew id-dritt għal proċess ġust li ġej mill-Artikolu 47;

Or. cs

Emenda 19
Dimitrios Droutsas

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	7a. Itenni li l-limitazzjonijiet fuq l-eżerċizzju tad-drittijiet u l-libertajiet rikonoxxuti mill-Karta għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-KEDB u mal-Artikolu 52 tal-Karta li jippreskrivi li tali limitazzjonijiet għandhom ikunu previsti fid-dritt, meħtieġa u proporzjonati mal-għanijiet leġittimi li jkunu jridu jintlaħqu;

Or. en

Emenda 20
Alexander Alvaro, Sarah Ludford, Louis Michel

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 9

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
9. Ifakkar li l-Kummissjoni ddeċidiet li tikseb l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk il-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni huwiex kompatibbli mat-Trattati tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Karta;	9. Ifakkar li l-Kummissjoni ddeċidiet li tikseb l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk il-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni huwiex kompatibbli mat-Trattati tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Karta***, u jemmen li l-pożizzjoni finali tal-Parlament dwar l-ACTA għandha tittieħed biss wara li l-Qorti tal-Ġustizzja tkun tat is-sentenza tagħha rigward din il-kwistjoni***;

Or. en

Emenda 21
Anthea McIntyre

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 9

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
9. Ifakkar li l-Kummissjoni ddeċidiet li tikseb l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk il-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni huwiex kompatibbli mat-Trattati tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Karta;	9. Ifakkar li l-Kummissjoni ddeċidiet li tikseb l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk il-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni huwiex kompatibbli mat-Trattati tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Karta; ***iħeġġeġ sabiex id-deċiżjoni finali tal-Parlament tittieħed biss wara li s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tkun magħrufa;***

Or. en

Emenda 22
Simon Busuttil, Frank Engel, Anna Maria Corazza Bildt, Salvador Sedó i Alabart, Csaba Sógor, Axel Voss, Manfred Weber

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	***9a. Jinnota li tqajjem tħassib b'mod speċjali rigward dawk id-dispożizzjonijiet li jħallu spazju għal flessibbiltà fl-implimentazzjoni tagħhom, fuq il-bażi li dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu jiġu implimentati fl-Unjoni b'mod li jista' jkun illegali jew li jmur kontra d-drittijiet fundamentali; iqis li din hija suppożizzjoni li ma ġietx sostanzjata u li tmur kontra l-prinċipji ġenerali tad-dritt u kontra t-termini tal-ACTA nnifsu peress li dan jirrikjedi b'mod ċar li d-dispożizzjonijiet fakultattivi jew flessibbli tiegħu jiġu implimentati f'konformità mad-drittijiet fundamentali u d-dispożizzjonijiet domestiċi applikabbli; itenni madankollu li dan ma jiġġustifikax l-ambigwitajiet li jinsabu fl-ACTA;* Or. en

Emenda 23
Simon Busuttil, Anna Maria Corazza Bildt, Csaba Sógor, Axel Voss, Manfred Weber

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 9b (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	9b. Jinnota li minkejja l-ambigwitajiet li għad fadal fl-ACTA, m'hemm assolutament l-ebda evidenza, lanqas fl-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, li dan imur kontra d-dritt tal-Unjoni jew li b'xi mod jikser id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali;

Or. en

Emenda 24
Dimitrios Droutsas

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 12

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
12. Jenfasizza li għad hemm livell sinifikanti ta' inċertezza legali fil-mod ta' kif ċerti dispożizzjonijiet prinċipali tal-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni ġew abbozzati (eż. l-Artikolu 11 (Informazzjoni relatata mal-ksur), l-Artikolu 23 (reati kriminali), l-Artikolu 27 (infurzar fl-ambjent diġitali), speċjalment l-Artikolu 27(3) (mekkaniżmi ta' kooperazzjoni) u l-Artikolu 27(4); iwissi kontra l-potenzjal li jiġu adottati approċċi frammentati fi ħdan l-UE, b'riskji ta' konformità mhux adegwata mad-dritt għall-protezzjoni tad-data personali;	12. Jenfasizza li għad hemm livell sinifikanti ta' inċertezza legali fil-mod ta' kif ċerti dispożizzjonijiet prinċipali tal-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni ġew abbozzati (eż. l-Artikolu 11 (Informazzjoni relatata mal-ksur), l-Artikolu 23 (reati kriminali), l-Artikolu 27 (infurzar fl-ambjent diġitali), speċjalment l-Artikolu 27(3) (mekkaniżmi ta' kooperazzjoni) u l-Artikolu 27(4); iwissi kontra l-potenzjal li jiġu adottati approċċi frammentati fi ħdan l-UE, b'riskji ta' konformità mhux adegwata mad-dritt għall-protezzjoni tad-data personali; ***jirrimarka li dawn ir-riskji huma speċjalment preżenti fir-rigward tal-Artikoli 27(3) u 27(4) fid-dawl tan-nuqqas ta' preċiżjoni ta' dawn it-testi iżda wkoll meta wieħed jikkunsidra l-prattiki li qed iseħħu attwalment f'xi Stati Membri (pereżempju monitoraġġ tal-Internet fuq skala kbira minn partijiet privati), prattiki li l-konformità tagħhom mal-Karta hija dubjuża;***

Or. en

Emenda 25
Cornelia Ernst

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 12

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
12. Jenfasizza li għad hemm livell sinifikanti ta' inċertezza legali fil-mod ta' kif ċerti dispożizzjonijiet prinċipali tal-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni ġew abbozzati (eż. l-Artikolu 11 (Informazzjoni relatata mal-ksur; Artikolu 23 'reati kriminali' infurzar fl-ambjent diġitali (Artikolu 27); l-Artikolu 27(3) mekkaniżmi ta' kooperazzjoni; Artikolu 27(4)); iwissi kontra l-potenzjal li jiġu adottati approċċi frammentati fi ħdan l-UE, b'riskji ta' konformità mhux adegwata mad-dritt għall-protezzjoni tad-data personali;	12. Jenfasizza li għad hemm livell sinifikanti ta' inċertezza legali fil-mod ta' kif ċerti dispożizzjonijiet prinċipali tal-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni ġew abbozzati (eż. l-Artikolu 11 (Informazzjoni relatata mal-ksur; Artikolu 23 'reati kriminali' infurzar fl-ambjent diġitali (Artikolu 27); l-Artikolu 27(3) mekkaniżmi ta' kooperazzjoni; Artikolu 27(4)); iwissi kontra l-potenzjal li jiġu adottati approċċi frammentati fi ħdan l-UE, b'riskji ta' konformità mhux adegwata ***mad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari*** mad-dritt għall-protezzjoni tad-data personali***, id-dritt għal proċess ġust u d-dritt li jkollok negozju***;

Or. en

Emenda 26
Josef Weidenholzer

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 12

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
12. Jenfasizza li ***għad*** hemm livell sinifikanti ta' inċertezza legali fil-mod ta' kif ċerti dispożizzjonijiet prinċipali tal-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni ġew abbozzati (eż. l-Artikolu 11 (Informazzjoni relatata mal-ksur), l-Artikolu 23 (reati kriminali), l-Artikolu 27 (infurzar fl-ambjent diġitali), speċjalment l-Artikolu 27(3) (mekkaniżmi ta' kooperazzjoni) u l-Artikolu 27(4); iwissi kontra l-potenzjal li jiġu adottati approċċi frammentati fi ħdan l-UE, b'riskji ta' konformità mhux adegwata mad-dritt għall-protezzjoni tad-data personali;	12. Jenfasizza li hemm livell sinifikanti ta' inċertezza legali fil-mod ta' kif ċerti dispożizzjonijiet prinċipali tal-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni ġew abbozzati (eż. l-Artikolu 11 (Informazzjoni relatata mal-ksur), l-Artikolu 23 (reati kriminali), l-Artikolu 27 (infurzar fl-ambjent diġitali), speċjalment l-Artikolu 27(3) (mekkaniżmi ta' kooperazzjoni) u l-Artikolu 27(4); iwissi kontra l-potenzjal li jiġu adottati approċċi frammentati fi ħdan l-UE, b'riskji ta' konformità mhux adegwata mad-dritt għall-protezzjoni tad-data personali;

Or. de

Emenda 27
Dimitrios Droutsas

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 13

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
13. Barra minn hekk, jirrimarka, li filwaqt li diversi *dispożizzjoni* tal-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni (eż. l-Artikolu 27(3) u (4)) huma ta' natura mhux vinkolanti u b'hekk ma jistabbilixxux obbligi legali tal-Partijiet li jistgħu jmorru kontra d-drittijiet fundamentali, in-nuqqas ta' preċiżjoni tad-dispożizzjonijiet, in-nuqqas ta' limiti u salvagwardji suffiċjenti joħolqu dubju dwar il-livell neċessarju taċ-ċertezza legali meħtieġ mill-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni (eż. salvagwardji kontra l-użu abbużiv ta' data personali jew il-protezzjoni tad-dritt tad-difiża);	13. Barra minn hekk, jirrimarka li filwaqt li diversi *dispożizzjonijiet* tal-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni (eż. l-Artikolu 27(3) u (4)) huma ta' natura mhux vinkolanti u b'hekk ma jistabbilixxux obbligi legali tal-Partijiet li jistgħu jmorru kontra d-drittijiet fundamentali, in-nuqqas ta' preċiżjoni tad-dispożizzjonijiet, in-nuqqas ta' limiti u salvagwardji suffiċjenti joħolqu dubju dwar il-livell neċessarju taċ-ċertezza legali meħtieġ mill-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni (eż. salvagwardji kontra l-użu abbużiv ta' data personali jew il-protezzjoni tad-dritt tad-difiża); ***jenfasizza li dawn id-difetti m'għandhomx ikunu aċċettabbli fi ftehim li fih l-Unjoni hija parti kontraenti; ifakkar li ftehimiet internazzjonali oħrajn b'implikazzjonijiet għad-drittijiet fundamentali kisbu livell ogħla ta' preċiżjoni u salvagwardji[1];***

[1] Ara pereżempju l-Konvenzjoni kontra ċ-Ċiberkriminalità tal-Kunsill tal-Ewropa CETS Nru. 185, Budapest 23 ta' Novembru 2001.

Or. en

Emenda 28
Dimitrios Droutsas

Abbozz ta' opinjoni
Titolu Ġdid (wara l-paragrafu 14)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	Id-dmir li jitħarsu d-drittjiet fundamentali
	Or. en

Emenda 29
Dimitrios Droutsas

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	14a. Iqis li huwa diżappuntanti li ma twettqux sforzi addizzjonali u sostanzjali biex jiġu kkonsultati aktar il-partijiet interessati kollha u biex l-opinjonijiet tagħhom jiġu inkorporati fil-perjodu ta' qabel in-negozjati dwar l-ACTA; jiddepplora l-fatt li l-istandards għoljin ta' trasparenza u governanza tajba li l-Unjoni qed tagħmel ħilitha biex tistabbilixxi ma ġewx issodisfati fir-rigward tal-ACTA; jemmen, għalhekk, li l-ACTA ġie fi stadju prematur ħafna b'mod partikolari fir-rigward ta' oqsma li fihom l-Unjoni għad ma kellhiex iċ-ċans li jkollha deliberazzjoni fid-dettall fil-pubbliku;
	Or. en

Emenda 30
Simon Busuttil, Anna Maria Corazza Bildt, Frank Engel, Georgios Papanikolaou, Zuzana Roithová, Salvador Sedó i Alabart, Csaba Sógor, Axel Voss, Manfred Weber

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	14a. Jenfasizza li l-Fornituri tas-Servizz tal-Internet (ISPs) m'għandhomx jissorveljaw l-Internet u għalhekk jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jiżguraw ċarezza legali dwar ir-rwol tal-ISPs skont l-ACTA;

Or. en

Emenda 31
Simon Busuttil, Anna Maria Corazza Bildt, Frank Engel, Csaba Sógor, Axel Voss, Manfred Weber

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 14b (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	14b. Iqis li l-ACTA jiffoka biss fuq ksur fuq skala kbira tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, b'mod li jippermetti lill-istati firmatarji jeżentaw l-użu mhux kummerċjali mid-dispożizzjonijiet tiegħu dwar il-proċeduri tal-infurzar kriminali; jinnota, madankollu, li mhuwiex ċar fejn għandha tinġibed linja bejn l-użu kummerċjali u dak mhux kummerċjali; jitlob għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiddefinixxu l-kunċett ta' ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fuq skala kummerċjali u jżidu ċ-ċarezza legali rigward meta l-Istati Membri jistgħu jimponu miżuri ta' infurzar kriminali fuq l-utenti tal-internet;

Or. en

Emenda 32
Sonia Alfano, Stanimir Ilchev, Sophia in 't Veld, Sarah Ludford, Gianni Vattimo, Renate Weber

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 15

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
15. Iqis li fejn jidħlu d-drittijiet fundamentali, ***l-ambigwità għandha tiġi evitata u tal-anqas imnaqqsa għall-minimu;*** barra minn hekk, u mingħajr akkużi abbażi tal-intenzjonijiet ("procès d'intention") fir-rigward tal-miżuri ta' applikazzjoni tal-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni, huwa tal-opinjoni li fis-sitwazzjoni attwali għandha tiġi eżerċitata l-prudenza fir-rigward *il-Ftehim* Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni fid-dawl tal-mistoqsijiet gravi li għad hemm rigward il-bilanċ li ntlaħaq fil-ftehim bejn id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u drittijiet fundamentali essenzjali oħra u l-livell ta' ċertezza legali tiegħu.	15. Iqis li fejn jidħlu d-drittijiet fundamentali, ***m'għandu jkun hemm lok għal ebda ambigwità; ifakkar li l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tafferma li kwalunkwe limitazzjoni għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali previsti fid-dritt għandhom ikunu jistgħu jiġu previsti fl-effetti tagħhom, ċari u preċiżi u aċċessibbli, kif ukoll meħtieġa f'soċjetà demokratika u proporzjonati mal-għanijiet li jkunu jridu jintlaħqu; jenfasizza li l-ACTA jista' joħloq bażi legali għal kontrolli u miżuri sussegwenti f'pajjiżi terzi, b'mod partikolari fil-fruntieri, fuq ċittadini tal-Unjoni li jkunu qed jivvjaġġaw barra mill-Unjoni, kif ukoll fuq il-proprjetà tagħhom;*** barra minn hekk, u mingħajr akkużi abbażi tal-intenzjonijiet ("procès d'intention") fir-rigward tal-miżuri ta' applikazzjoni tal-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni, huwa tal-opinjoni li fis-sitwazzjoni attwali għandha tiġi eżerċitata l-prudenza fir-rigward *tal-Ftehim* Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni fid-dawl tal-mistoqsijiet gravi li għad hemm rigward il-bilanċ li ntlaħaq fil-ftehim bejn id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u drittijiet fundamentali essenzjali oħra u l-livell ta' ċertezza legali tiegħu.

Or. en

Emenda 33
Dimitrios Droutsas

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 15

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
15. Iqis li fejn jidħlu d-drittijiet fundamentali, l-ambigwità għandha tiġi evitata u tal-anqas imnaqqsa għall-minimu; ***barra minn hekk, u mingħajr akkużi abbażi tal-intenzjonijiet ("procès d'intention") fir-rigward tal-miżuri ta' applikazzjoni tal-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni, huwa tal-opinjoni li fis-sitwazzjoni attwali għandha tiġi eżerċitata l-prudenza fir-rigward il-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni fid-dawl tal-mistoqsijiet gravi li għad hemm rigward il-bilanċ li ntlaħaq fil-ftehim bejn id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u drittijiet fundamentali essenzjali oħra u l-livell ta' ċertezza legali tiegħu.***	15. Iqis li fejn jidħlu d-drittijiet fundamentali, l-ambigwità għandha tiġi evitata u tal-anqas imnaqqsa għall-minimu; ***huwa tal-opinjoni li l-ACTA ma evitax din l-ambigwità, iżda għall-kuntrarju involva livelli addizzjonali u varji ta' ambigwità;***

Or. en

Emenda 34
Simon Busuttil, Anna Maria Corazza Bildt, Salvador Sedó i Alabart, Csaba Sógor, Axel Voss, Manfred Weber

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 15

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
15. Iqis li fejn jidħlu d-drittijiet fundamentali, l-ambigwità għandha tiġi evitata u tal-anqas imnaqqsa għall-minimu; barra minn hekk, u mingħajr akkużi abbażi tal-intenzjonijiet ("procès d'intention") fir-rigward tal-miżuri ta' applikazzjoni tal-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni, huwa tal-opinjoni li fis-sitwazzjoni attwali ***għandha tiġi eżerċitata l-prudenza fir-rigward il-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni fid-dawl tal-mistoqsijiet*** gravi li għad hemm rigward il-bilanċ li ntlaħaq fil-ftehim bejn id-drittijiet ta'	15. Iqis li fejn jidħlu d-drittijiet fundamentali, l-ambigwità għandha tiġi evitata u tal-anqas imnaqqsa għall-minimu; barra minn hekk, u mingħajr akkużi abbażi tal-intenzjonijiet ("procès d'intention") fir-rigward tal-miżuri ta' applikazzjoni tal-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni, huwa tal-opinjoni li fis-sitwazzjoni attwali ***l-mistoqsijiet*** gravi li għad hemm rigward il-bilanċ li ntlaħaq fil-ftehim bejn id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u drittijiet fundamentali essenzjali oħra u l-livell ta' ċertezza legali tiegħu ***għandhom jiġu indirizzati***.

proprjetà intellettwali u drittijiet fundamentali essenzjali oħra u l-livell ta' ċertezza legali tiegħu.

Or. en

Emenda 35
Josef Weidenholzer

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 15

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
15. Iqis li fejn jidħlu d-drittijiet fundamentali, l-ambigwità għandha tiġi evitata ***u tal-anqas imnaqqsa għall-minimu***; barra minn hekk, u mingħajr akkużi abbażi tal-intenzjonijiet ("procès d'intention") fir-rigward tal-miżuri ta' applikazzjoni tal-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni, huwa tal-opinjoni li fis-sitwazzjoni attwali għandha tiġi eżerċitata l-prudenza fir-rigward *il-Ftehim* Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni fid-dawl tal-mistoqsijiet gravi li għad hemm rigward il-bilanċ li ntlaħaq fil-ftehim bejn id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u drittijiet fundamentali essenzjali oħra u l-livell ta' ċertezza legali tiegħu.	15. Iqis li fejn jidħlu d-drittijiet fundamentali, l-ambigwità għandha tiġi evitata; barra minn hekk, u mingħajr akkużi abbażi tal-intenzjonijiet ("procès d'intention") fir-rigward tal-miżuri ta' applikazzjoni tal-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni, huwa tal-opinjoni li fis-sitwazzjoni attwali għandha tiġi eżerċitata l-prudenza fir-rigward *tal-Ftehim* Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni fid-dawl tal-mistoqsijiet gravi li għad hemm rigward il-bilanċ li ntlaħaq fil-ftehim bejn id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u drittijiet fundamentali essenzjali oħra u l-livell ta' ċertezza legali tiegħu.

Or. de

Emenda 36
Josef Weidenholzer

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 15

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
15. Iqis li fejn jidħlu d-drittijiet fundamentali, l-ambigwità għandha tiġi	15. Iqis li fejn jidħlu d-drittijiet fundamentali, l-ambigwità għandha tiġi

evitata u tal-anqas imnaqqsa għall-minimu; barra minn hekk, u mingħajr akkużi abbażi tal-intenzjonijiet ("procès d'intention") fir-rigward tal-miżuri ta' applikazzjoni tal-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni, huwa tal-opinjoni li fis-sitwazzjoni attwali għandha tiġi eżerċitata l-prudenza fir-rigward *il-Ftehim* Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni fid-dawl tal-mistoqsijiet gravi li għad hemm rigward il-bilanċ li ntlaħaq fil-ftehim bejn id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u drittijiet fundamentali essenzjali oħra u l-livell ta' ċertezza legali tiegħu.	evitata u tal-anqas imnaqqsa għall-minimu; ***jenfasizza f'dan il-kuntest l-importanza li ssir distinzjoni bejn il-qsim mhux kummerċjali ta' fajls (skambju ta' data bejn persuni privati) u l-piraterija;*** barra minn hekk, u mingħajr akkużi abbażi tal-intenzjonijiet ("procès d'intention") fir-rigward tal-miżuri ta' applikazzjoni tal-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni, huwa tal-opinjoni li fis-sitwazzjoni attwali għandha tiġi eżerċitata l-prudenza fir-rigward *tal-Ftehim* Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni fid-dawl tal-mistoqsijiet gravi li għad hemm rigward il-bilanċ li ntlaħaq fil-ftehim bejn id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u drittijiet fundamentali essenzjali oħra u l-livell ta' ċertezza legali tiegħu.

Or. de

Emenda 37
Simon Busuttil, Anna Maria Corazza Bildt, Frank Engel, Georgios Papanikolaou, Zuzana Roithová, Salvador Sedó i Alabart, Csaba Sógor, Axel Voss, Manfred Weber

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	15a. Jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu soluzzjonijiet għall-preokkupazzjonijiet identifikati f'din l-opinjoni, biex jiġu indirizzati l-ambigwitajiet fl-ACTA u jiġi żgurat li l-osservanza stretta tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tkun garantita b'mod ċar;

Or. en

Emenda 38
Dimitrios Droutsas

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	15a. Huwa tal-fehma li l-ACTA jonqos milli jiżgura salvagwardji adegwati u bilanċ xieraq bejn id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u drittijiet fundamentali oħrajn, kif ukoll li jonqos milli jiżgura ċ-ċertezza legali meħtieġa għal dispożizzjonijiet prinċipali tal-ACTA;

Or. en

Emenda 39
Sonia Alfano, Stanimir Ilchev, Sophia in 't Veld, Gianni Vattimo, Renate Weber

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	15a. Jikkondividi t-tħassib espress mill-KEPD fl-opinjoni tiegħu dwar l-ACTA, b'mod partikolari fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni mhux ċar, il-kunċett vag ta' "awtorità kompetenti", l-ipproċessar ta' data personali minn ISPs permezz ta' miżuri volontarji ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-infurzar u n-nuqqas ta' salvagwardji adegwati fir-rigward tad-drittijiet fundamentali;

Or. en

Emenda 40
Sonia Alfano, Stanimir Ilchev, Sophia in 't Veld, Gianni Vattimo, Renate Weber

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 15b (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	15b. Huwa tal-opinjoni li l-ACTA ma jikkonformax mad-drittijiet imħaddna fil-Karta;

Or. en

Emenda 41
Sonia Alfano, Stanimir Ilchev, Sophia in 't Veld, Gianni Vattimo, Renate Weber

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 15c (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	15c. Jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, jirrakkomanda li l-Parlament jirrifjuta li jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ACTA;

Or. en

Emenda 42
Dimitrios Droutsas

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	15a. Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal hawn fuq u bla preġudizzju għall-valutazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja rigward din il-kwistjoni, iżda filwaqt li jikkunsidra r-rwol tal-Parlament fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali, jikkonkludi li l-ACTA mhuwiex kompatibbli mad-drittijiet imħaddna fil-Karta u jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat

responsabbli, jirrakkomanda li l-Parlament jirrifjuta li jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ACTA;

Or. en

Emenda 43
Cornelia Ernst

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	15a. Huwa tal-fehma għalhekk li l-konklużjoni tal-ACTA tkun ta' ħsara għall-valuri Ewropej u ma tkunx kompatibbli mal-mudell Ewropew; jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, jirrakkomanda li l-Parlament jirrifjuta li jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ACTA.

Or. en

Emenda 44
Jacek Protasiewicz

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	15a. Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern għalhekk jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, jirrakkomanda li l-Parlament jirrifjuta li jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ACTA.

Or. en

Emenda 45
Carl Schlyter

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	15a. Jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, jirrakkomanda li l-Parlament jirrifjuta li jagħti l-approvazzjoni tiegħu, skont l-Artikolu 218(6) TFUE, għall-konklużjoni tal-ACTA;

Or. en

Emenda 46
Zuzana Roithová

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	15a. Iqis li t-test attwali tal-ACTA fih artikoli li jinvolvu ċerti riskji li possibilment jiksru d-drittijiet fundamentali li ċ-ċittadini Ewropej gawdew s'issa;

Or. cs

Emenda 47
Zuzana Roithová

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 15b (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	15b. Jenfasizza li l-istati fejn iseħħ l-ikbar ksur tad-drittjiet tal-proprjetà intellettwali, bħaċ-Ċina, il-Pakistan, ir-Russja u l-Brażil, ma ġewx mistiedna jiffirmaw l-ACTA, u huwa improbabbli li dawk l-istati se jiffirmaw l-ACTA fil-futur qarib, u dan iqajjem mistoqsijiet importanti dwar l-effikaċja tal-miżuri proposti mill-ACTA;

Or. cs

Emenda 48
Zuzana Roithová

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 15c (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	15c. Huwa konvint li l-iffalsifikar u l-piraterija, meta jitwettqu b'intenzjoni kriminali u fuq skala kummerċjali, huma fenomenu sinfikanti f'soċjetà tal-informazzjoni u jqis li huwa meħtieġ li tiġi żviluppata strateġija komprensiva tal-UE biex jiġu indirizzati. Strateġija bħal din tal-UE m'għandhiex tiffoka biss fuq il-ġlieda kontra l-effetti tal-iffalsifikar u l-piraterija, iżda għandha tiffoka wkoll fuq il-kawżi tagħhom; għandha tirrispetta għalkollox id-drittijiet fundamentali fl-Ewropa u tkun effettiva, aċċettabbli u faċli li tinftiehem mis-soċjetà b'mod ġenerali;

Or. cs

Emenda 49
Zuzana Roithová

Abbozz ta' opinjoni

Paragrafu 15d (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	15d. Ifakkar li, wara talba mill-Parlament Ewropew[1], il-Kummissjoni Ewropea, fl-istrateġija tagħha Aġenda Diġitali għall-Ewropa, impenjat ruħha li tadotta Kodiċi tad-drittijiet fuq l-internet fl-UE fl-2012; iqis li l-Kodiċi ta' drittijiet fuq l-internet fl-UE għandu jiddefinixxi b'mod li ma jkunx ambigwu d-drittijiet tal-utenti ċittadini Ewropej u jistabbilixxi dak li jistgħu u dak li ma jistgħux jagħmlu fl-ambjent diġitali, biex b'hekk jistabbilixxi bażi għal strateġija komprensiva tal-UE biex jiġu indirizzati l-iffalsifikar u l-piraterija;

[1] ***Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Ġunju 2007 dwar il-kunfidenza tal-konsumatur fl-ambjent diġitali (2006/2048(INI)), punti 25-28.***

Or. cs

Emenda 50
Zuzana Roithová

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 15e (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	15e. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija hawn fuq, ma jirrakkomandax li tingħata l-approvazzjoni għall-ACTA fil-forma attwali tiegħu.

Or. cs